**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SITT LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 31 – IT-TNEJN, 30 TA' JANNAR 2012 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Preżenti | |
| | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | David Dalli | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| | Marica Bayliss | Kunsillier |
| | Violet Bajada | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 29**

1.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. F'4.1 it-tieni sentenza għandha tinqara "Għandha ssir talba lill-każin tal-banda biex tintuża is-Sala".

1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Approvazzjoni Minuti Numru 30**

2.1 Kien hemm korrezzjoni waħda. F'1.4 l-ewwel sentenza għandha tinqara "Il-Kunsillier Anthony Mifsud Bonnici ddikjara li jaqbel mal-proġett".

2.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Pagamenti Numru 57**

3.1 Pagamenti numru 28 u 29 għandhom jiġu mwaqqfa u jiġi rranġat ix-xoghol.

3.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati dawn il-pagamenti. Is-Sur Neville Mallia ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 4 Ġnien Karin Grech

4.1 Is-Sindku qara l-imejl li bagħat is-Sur Mattieu Cilia mill-MRRA u l-ittra mill-President tal-Klabb tal-Boċċi ta' San Ġwann. Saret diskussjoni rigward din il-materja. Il-President tal-Klabb tal-Boċċi informa lill-Kunsill li għandhom laqgħa mal-MRRA l-għada.

4.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li naqblu ma' dan il-proġett ta' Ġnien Karin Grech, kif ġiet ippreżentata mill-MRRA, u allura jinkludi r-rilokazzjoni tal-Klabb tal-Boċċi. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat.

4.3 Is-Sinjura Joan Farrugia ipproponiet li qabel ma naqblu ma' dan il-proġett ta' Ġnien Karin Grech, nistennew l-eżitu tal-laqgħa bejn il-Klabb tal-Boċċi u l-MRRA. Is-Sinjura Violet Bajada issekondat.

4.4 Sar vot fuq l-ewwel proposta tas-Sur Etienne Bonello Du Puis. Kien hemm 5 favur (Etienne Bonello Du Puis, David Dalli, Marica Bayliss, Neville Mallia u Mikhail Micallef) u 4 kontra (Rita Saliba, Violet Bajada, Anthony Mifsud Bonnici u Joan Farrugia). Saret talab biex jitniżlu l-ismijiet. Il-proposta għaddiet.

4.5 Rigward it-tieni proposta tas-Sinjura Joan Farrugia, ma ittieħidtx vot, peress li għaddiet l-ewwel proposta.

## 5 Kommunikazzjoni mis-Sindku

5.1 Inqrat l-ittra minn fondazzjoni JP2. Din l-fondazzjoni talbet l-assistenza biex jorganizzaw attività f'San Ġwann relatata mal-anniversarju tal-mewt tal-Papa Ġwanni Pawlu II. L-ispejjeż għal din l-attività taqbeż is-700 Ewro.

5.1.2 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li din it-talba tiġi milqugħha. Is-Sur Mikhail Micallef issekonda. Kien hemm 3 Favur (Etienne Bonello Du Puis, David Dalli, u Mikhail Micallef, Kien hemm 4 kontra (Neville Mallia, Anthony Mifsud Bonnici, Joan Farrugia u Marica Bayliss, u 2 astensjoni (Rita Saliba u Violet Bajada) Saret talba biex jitniżlu l-ismijiet. Il-proposta ma għaddietx.

5.2 Is-Sur Etienne Bonllo Du Puis informa lill-Kunsill li hemm laqgħa mal-Ispettur tal-Għassa l-għada fis-2.00pm.

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Saret diskussjoni rigward is-sigurtà fil-Kunsill. Din tinkudi, sistema ta' CCTV b'4 *cameras*, serratura ġdida flimkien ma' *intercom* għall-bieb ta' barra, serraturi ġodda għall-bibien tal-*aluminum* fil-*customer care*, grada tal-ferrobatuto għall-passaġġ ta' barra u bieb tan-*netting* għall-kċina. Is-Sur David Dalli ippropona li jinxtraw dawn l-affarjiet. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

6.2 Saret diskussjoni rigward il-progress fil-proġetti ta' Misraħ Awrekarja u fil-Blokki tal-Gvern. Is-Segretarju informa li dawn ix-xogħlijiet għandhom jinbdew fi żmien qasir.

6.3 Saret diskussjoni rigward *quotations* pendenti. Ġie deċiż li għandhom jinħarġu *quotations* għal *repairs* fil-ġonna u s-*soft areas*, għal xiri u manutenzjoni ta' *litter bins* u *doggie bins* u tindif tat-toroq *non urban*.

6.4 Ġie deċiż li ssir lampa ġdida fil-parti ta' fuq fi Triq tas-Sliema.

6.5 Ġie deċiż li ssir preżentazzjoni lill-*helpers* u l-voluntiera nhar it-Tlieta, 14 ta' Frar.

6.6 Is-Sinjura Joan Farrugia ipproponiet li jitwaħħlu *bollards* fi Triq Santa Margerita. Is-Sinjura Violet Bajada issekondat. Kien hemm 4 favur (Rita Saliba, Violet Bajada, Anthony Mifsud Bonnici u Joan Farrugia, 3 kontra (David Dalli, Neville Mallia, u Marica Bayliss, u 2 astensjoni (Etienne Bonello Du Puis u Mikhail Micallef). Kien hemm talba biex jitniżlu l-ismijiet. Il-proposta għaddiet.

6.7 Is-Sinjura Joan Farrugia ipproponiet li jitwaħħlu bollards fi Triq Ewkaliptus. Is-Sinjura Violet Bajada issekondat. Kien hemm 5 favur, 2 kontra u 2 astensjoni.

6.8 Saret diskussjoni rigward il-bozza li kellha tinqala fi Triq Bernardette. Hemm problema li hadd ma riedha titwaħħal mad-dar tiegħu. Is-Sinjura Rita Saliba pproponiet li titwaħħal waħda *central hanging*. Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm 7 favur u 2 kontra.

6.9 Is-Sinjura Rita Saliba ipproponiet li ssir bozza ġdida fi Triq il-Kapuċċini. Is-Sur David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

6.10 Is-Sur Mikhail Micallef ippropona li ssir laqgħa mal-artisti li għamlu it-tpinġija fi Triq Bellavista. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar 2012 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |